ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN



# XANDIR TAL-KELMA

sinodu MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN

# XANDIR TAL-KELMA

## "MHUX BIL-ĦOBŻ BISS ..."

(MT 4,4)

sinodu MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 15 - 7

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ


Preżentazzjoni v

Kap I
Il-mixja 1

Kap II
Il-Ministeru tal-Kelma: ġemgħa li tgħix u xxandar 3

Kap III
Xhieda u xandir: in-nisrani u l-Knisja fil-kultura Maltija 7

Kap IV
Il-Knisja f'Malta ġġarrab u xxandar il-Kelma 11

Kap V
Ir-riżorsi tal-Knisja f'Malta 25

Kap VI
Il-miri għall-Knisja f'Malta fil-Ministeru tal-Kelma 29

Kap VII
Fejn u kif b'mod imġedded 32

Kap VIII
Konklużjoni 44

# PREŻENTAZZJONI

Dan id-dokument jitkellem fuq ix-xandir tal-Kelma fil-kuntest tal-ħajja tal-poplu Malti. Il-Kotba Mqaddsa jesprimu storja ta' mħabba bejn Alla u l-bniedem, li tilħaq il-milja tagħha f'Ġesù Kristu. Il-komunità ta' dawk li jemmnu tkompli din l-esperjenza tal-preżenza ta' Kristu, il-Kelma ta' Alla l-ħaj. Il-Knisja hija msejħa biex f'kull żmien b'umiltà tilqa' l-Kelma u twassal din il-Kelma li tagħti l-ħajja.

Kull Knisja lokali trid tagħraf twassal il-Kelma fi sfond partikulari u speċifiku. Id-dokument għalhekk jisħaq fuq l-importanza li l-Kelma titwassal fl-ambjent tal-poplu Malti fil-kuntest storiku tiegħu.

Imbagħad id-dokument jagħti ħarsa lejn il-ħidma tal-Knisja f'Malta hija u xxandar il-Kelma llum. Dan ix-xandir iseħħ kull meta, bil-ħidma siekta tagħhom, l-insara jgħixu s-sejħa tagħhom b'impenn u jagħtu xhieda ta' Kristu fl-għażliet ta' ħajjithom.

Imma jseħħ ukoll meta l-Knisja bħala komunità xxandar il-Kelma bl-azzjoni li twettaq. Il-Kelma tixxandar, fost l-oħrajn, bil-mod kif il-Knisja tħaddem l-istituzzjonijiet tagħha, bil-mod kif tħaddem ir-riżorsi u bl-għajnuna li tagħti lil min hu fil-bżonn. Din ix-xhieda fiha nnifisha hija Kelma li qed tixxandar.

Barra minn dan, tul is-snin il-Knisja żviluppat mumenti speċjali, biex it-tagħlim jilħaq diversi gruppi ta' nies. Din l-attenzjoni għal udjenzi diversi llum trid tieħu f'konsiderazzjoni realtajiet ġodda. F'dan l-isfond il-Kelma trid tkun imxandra b'għaqal u bi professjonalità, ħalli tħalli effett fil-qalb ta' dawk li jisimgħuha.

Id-dokument jittratta t-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel u l-katekeżi fil-parroċċi, u l-ħtieġa li jkun iċċarat ir-rwol distint u fl-istess waqt komplimentari tat-tnejn li huma. Jitkellem ukoll fuq il-ħtieġa ta' preżenza ħajja tal-Knisja fil-qasam tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali; għalhekk għandu jerġa' jitwaqqaf is-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali.

Mhux kull nisrani jasal fl-istess livell ta' maturità fil-ħajja nisranija. It-tisħiħ ta' fidi matura, ibbażata fuq il-Kelma ta' Alla fil-Kotba Mqaddsa, għandu jkun il-kriterju ta' kull ħidma fuq livell djoċesan u fuq livell parrokkjali.

Id-dokument jagħmel proposti ta' xi miri li l-Knisja f'Malta għandu jkollha għas-snin li ġejjin, kif ukoll il-mod kif dawn jistgħu jitwettqu, bir-riżorsi li jeżistu.

Fost dawn, id-dokument jagħmel proposta li jkun hemm Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, immirat prinċipalment għall-operaturi pastorali. Dan ikun jagħti formazzjoni b'tagħlim f'diversi oqsma, marbut ukoll mal-ħidma li n-nies ikunu qed jiġu mħarrġa biex iwettqu.

Id-dokument jitlob għal djalogu dejjem aktar sħiħ bejn il-Knisja u l-kultura Maltija. Il-Knisja f'Malta għandha sehem importanti x'toffri lill-ħajja ċivili. Id-dokument jitlob ukoll li l-istrutturi jkunu aġġornati u mibdula fejn meħtieġ, biex ikunu dejjem għas-servizz tal-Kelma u biex jaħdmu b'koordinament sħiħ.

Is-sejħa tas-Sinodu hi li l-Knisja f'Malta tisma' dejjem il-Kelma u twassalha b'impenn ħaj u mġedded.



# Kap I

# IL-MIXJA

## Qegħdin f'mixja

1

Aħna l-Knisja f'Malta qegħdin f'mixja. Hi mixja li tixbah lil dik tad-dixxipli ta' Għemmaws. Fil-mixja tagħna minn Ġerusalemm għal Għemmaws mhix nieqsa t-tbatija tal-għamad li jostor u jtaqqal lil qalbna (ara Lq 24,21-24). Iżda nemmnu bis-sħiħ li Kristu jiltaqa' magħna u jerġa' jxettel fina t-tama biex induru lejn Ġerusalemm u nxandru l-aħbar li Huwa qam (ara Lq 24,33-36). Nemmnu li hu ser ikun fil-Galilija tal-ġnus qabilna (ara Mt 28,7). Hu jagħtina l-qawwa biex nispjegaw il-għala tat-tama tagħna (ara 1 Pt 3,15-16) fil-ħajja tal-Maltin u dawk li jgħammru fostna.

## Kristu jidħol fl-istorja tal-bniedem

2

Biex Kristu jiltaqa' mal-bniedem, għażel li jidħol fil-kuntest u l-istorja tal-bniedem. Għalhekk il-ministeru tal-Kelma jrid jinbena fuq analiżi tal-kultura u l-istorja ta' żmienna. Jekk le, kliem bħal evanġelizzazzjoni u inkulturazzjoni huma mingħajr sugu.[1]

Sikwit tinbet ix-xewqa li ngħaddu ġudizzju fuq il-bidliet li ħallew it-timbru tagħhom fuq il-fosdqa Maltija. U niġġudikaw mill-mod li jaqbel lilna. Ġudizzji bħal dawn jgħinu biex insaħħu l-"identità" tagħna. Iżda dan il-ħsieb u diskors iġegħilna nbarru lil dawk stess li għandna niftħu djalogu magħhom biex inkunu rilevanti għal żmienna. Għalhekk, bħal nies imxennqa biex jisimgħu u jitgħallmu, napprezzaw dawn ix-xejriet ġodda bit-tama li dan ikun il-bidu tal-mixja tagħna flimkien fid-dawl tal-Kelma ta' Alla.

[1] Ara Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975); Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi Tradendae* (16 ta' Ottubru 1979); Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris Missio* (7 ta' Diċembru 1990). Dwar analiżi tal-kultura ta' żmienna, ara l-introduzzjoni għad-dokumenti tas-Sinodu *Il-kuntest Malti* u d-dokument tas-Sinodu *Kultura-Soċjetà-Knisja*.



## Kap II

# IL-MINISTERU TAL-KELMA: ĠEMGĦA LI TGĦIX U XXANDAR

## Storja ta' mħabba bejn Alla u l-bniedem

3

Il-Kotba Mqaddsa jesprimu storja ta' mħabba bejn Alla u l-bniedem. Alla, min-naħa tiegħu, jixtieq jidħol fi ħbiberija mal-bniedem biex jgħollih u jerfgħu lejh. "L-Iben ta' Alla sar bniedem biex jagħmilna allat."[2] F'dan, il-bniedem huwa ħolqien magħżul. Għalkemm din l-istorja ta' mħabba tieħu sekli, iżda l-mira aħħarija ma tintilifx. L-għarfien ta' din il-mira jgħaddi mill-għarbiel u t-tiġrib tal-bniedem sakemm jissaffa u jsib il-milja tiegħu fi Kristu.[3]

Kristu nnifsu għen biex ikompli jsaffi din il-ħbiberija u l-għarfien tagħha. Hu għex magħna u wriena min hu bi kliemu u b'ħidmietu, b'sinjali u b'mirakli... Imma fuq kollox bil-mewt u l-qawmien tiegħu.[4] Matul ħajtu ħadha qatta bla ħabel kontra l-istituzzjonijiet ta' żmienu li kienu jippretendu li għandhom l-aħħar awtorità fuq il-Kelma. Kristu wriehom li ma fehmu xejn. Kienu firdu l-Kelma u l-esperjenza tal-bnedmin minn xulxin. B'dan, mingħajr ma ntebħu, waqgħu vittma ta' arroganza reliġjuża u bnew għalihom istituzzjoni li taħseb fiha nnifisha, tinqeda hi u mhux taqdi (*a self-serving institution* – ara Mk 2,23-28). Kristu jiġġieled kontra dan it-tip ta' xandir tal-Kelma u jispiċċa vittma tiegħu. Iżda Alla qajmu biex jixhed għar-relazzjoni awtentika li xtaq jibni mal-bniedem.

## Komunità li tkompli din l-esperjenza ta' mħabba

4

Il-komunità ta' dawk li jemmnu tkompli din l-esperjenza tal-preżenza ta' Kristu fostna bħala l-imħabba tal-Missier li ma jħalli qatt lill-bniedem

[2] San Atanasju ta' Lixandra, *De Incarnatione,* 54,3.

[3] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (18 ta' Novembru 1965), 3.

[4] Ara *ibid.,* 4-6.

waħdu. Mhux biss, imma jagħnih bid-dawl ta' l-Ispirtu biex ikompli jġarrab u jgħarbel din l-istorja ta' mħabba matul iż-żmien. F'dan jidher ċar li l-Knisja wirtet mhux biss għan aħħari, imma wkoll mod ta' għajxien. L-għaqda ta' dawk li jemmnu ma tistax ma xxandarx il-Kelma li semgħet u ġarrbet. Kien dan l-impatt kbir li ħallew l-ewwel insara. Tant hu hekk li bil-mod il-mod ġabu bidla fil-kultura u s-soċjetà fi żmien l-Imperu Ruman.

## Komunità li tilqa' l-Kelma biex tista' twassalha

5

F'kull żmien, l-għaqda ta' dawk li jemmnu hija mħajra mill-Ħażin biex terġa' tibni *a self-serving institution* u tabbanduna x-xandir tal-Kelma vera. Għalhekk il-Knisja hija msejħa ħalli f'kull żmien, b'umiltà tilqa' l-Kelma, tgħarbel lilha nnifisha u d-dinja ta' madwarha, biex tista' twassal il-Kelma li tagħti l-ħajja, megħjuna bl-Ispirtu ta' Alla.

## Kuntest partikulari

6

Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u l-Fidwa (il-quċċata tal-ġrajja ta' mħabba bejn Alla u l-bnedmin) seħħ f'kuntest ekonomiku-politiku-soċjali partikulari. Għalhekk kull Knisja lokali trid tagħraf twassal il-Kelma u tagħtiha sens fi sfond partikulari u speċifiku.

Waqt li nħarsu lejn esperjenzi ta' Knisja 'l hinn minn xtutna, irid ikollna l-kuraġġ naraw u nissugraw dak li l-Ispirtu ta' Kristu jurina, biex ninkarnaw il-Kelma fil-kuntest Malti. Aħna mistiedna niflu dan il-kuntest għax fih titwieled, tmut u tqum il-Kelma ħajja mimlija bl-Ispirtu ta' Alla fostna.

Il-fattizzi ta' dan il-kuntest jitolbu ħidma li, għalkemm f'għaqda sħiħa mal-Knisja fid-dinja, ikollha għażliet speċifiċi u prijoritajiet partikulari. Dan

għax billi l-Knisja f'Malta m'għandhiex ir-riżorsi biex twettaq dak kollu li tixtieq tagħmel, allura hemm bżonn li min imexxi jieħu deċiżjonijiet biex jaħdem f'ċerti oqsma u mhux f'oħrajn. Ċerti ħidmiet jitqiegħdu qabel oħrajn. Tassew li f'dawn l-għażliet nistgħu niżbaljaw. Iżda min-naħa l-oħra nemmnu li Alla ma jonqosniex mill-imħabba tiegħu u, permezz ta' dixxerniment li nwettqu, jgħinna nqumu u nintebħu bl-iżbalji tagħna.



## Kap III

# XHIEDA U XANDIR: IN-NISRANI U L-KNISJA FIL-KULTURA MALTIJA

## Ħmira li ttejjeb l-għaġna

## 7

Għax il-bniedem hu xbieha ta' Alla, ix-xandir tal-Kelma jsir minn kull persuna ta' rieda tajba li tagħmel ħilitha biex, fid-dawl u fuq l-eżempju ta' Kristu, twassal messaġġ ta' apprezzament u tama f'dak kollu li hu tassew uman (ara Mk 9,38-40; Lq 9,49-50). Ukoll jekk dawn il-persuni, minħabba raġuni jew oħra, ma jersqux lejn il-Knisja, aħna nemmnu li huma wkoll jistgħu jagħtu sehemhom bħala parti mill-ħmira li ttejjeb l-għaġna tal-kultura Maltija (ara Lq 13,20-21). Il-Knisja għandha tagħmel minn kollox biex turi l-apprezzament tagħha lejn dawn ħutna, ulied il-Missier, li tant ħabb lid-dinja li bagħat lil Ibnu biex isalvaha (ara Ġw 3,16).

Hemm min iqis it-twemmin reliġjuż u l-valuri tal-ħajja bħala ħwejjeġ privati biss. Il-Knisja trid tagħraf din is-sitwazzjoni ġdida u tgħix fiha. Il-Poplu ta' Alla f'Malta jrid ikabbar ir-rispett u t-tolleranza għal dawk kollha li ma jħaddnux l-istess twemmin, jew li ma għandhom ebda twemmin, filwaqt li ma jibżax jagħti xhieda tat-twemmin tiegħu. Din ix-xhieda hi kontribut li l-Knisja toffri għall-għajxien ċivili f'pajjiżna u biex jinbena mod ta' għajxien etiku u umanistiku. Din hi sfida li għandha quddiemha l-Knisja u kull nisrani li jixtieq jgħix l-impenn tiegħu f'Malta.

## Id-dmir li xxandar l-Aħbar it-Tajba

## 8

Il-Knisja, bħala l-għaqda ta' dawk li jemmnu, għandha d-dmir li xxandar l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu: li Alla hekk ħabb il-bniedem li bagħat lil Ibnu fid-dinja. Ix-xandir tal-Kelma għandu l-għan li jwassal lill-individwi u lis-soċjetà biex jaċċettaw lil Kristu f'ħajjithom u jħallu l-Evanġelju jagħġnilhom ħajjithom.

L-insara f'Malta jkomplu l-ħidma tax-xandir tal-Kelma kull meta, bil-

ħidma siekta tagħhom, jagħmlu dmirhom fis-soċjetà b'impenn u tama f'ġejjieni aħjar minn dak ta' llum. Dan iseħħ kull meta omm u missier ikunu xbieha ta' Alla għal xulxin u għall-aħjar ġid ta' wliedhom. Ix-xandir tal-Kelma jseħħ meta nisrani jaqdi l-professjoni tiegħu b'għaqal u b'reqqa għall-aħjar ġid tal-klijent/pazjent li għandu quddiemu daqs kieku qiegħed jaqdi lil Kristu nnifsu.

## Ix-xhieda tal-Kelma

9

Dan għandu jkun l-idejal tal-Knisja f'Malta. Hija din ix-xhieda ħajja li tikkonvinċi lilna lkoll li Alla għadu ħaj fostna u li l-miġja tiegħu tista' tibdilna u tagħmilna ħolqien ġdid. Din hija l-missjoni ta' l-imgħammdin.

Ix-xhieda tal-Kelma ma sseħħx biss meta kull bniedem li jsejjaħ l-isem ta' Kristu jagħti xhieda ta' Dan fl-għażliet ta' ħajtu. Hemm ix-xandir tal-Kelma li l-Knisja f'Malta tagħmel bħala istituzzjoni. Il-Knisja f'Malta għandha dmir li twassal ix-xandir tal-Kelma b'mod li jdawwal l-għajxien mhux biss ta' l-insara iżda wkoll tal-ħajja ċivili f'Malta. Dan trid tagħmlu b'kuraġġ, b'umiltà u bi spirtu profetiku.

Fil-passat saru ħidmiet mill-Knisja f'Malta biex tifhem is-sitwazzjoni ta' madwarha. Dan jidher f'ħafna mid-dokumenti marbuta ma' pjani pastorali f'dawn l-aħħar erbgħin sena.[5] Mingħajr ma nirrepetu dak li ntqal, jidhrilna li sar ħafna xogħol tajjeb. Ħarġu prinċipji u xewqat. B'dispjaċir ninnutaw li xi drabi tkun nieqsa l-azzjoni wara l-analiżi. Dan ma jnaqqas xejn mill-analiżi li tkun saret.

[5] Ara Segreterija Pastorali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, *Evanġelizzazzjoni,* Dokument 1, Malta 1976.
Arċidjoċesi ta' Malta, *Abbozz Pjan Pastorali*, Malta 1984.
Arċidjoċesi ta' Malta, *Pjan Pastorali 1986-1991,* Malta 1985.
Segreterija Pastorali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, *Lejn Knisja Adulta - Pass Deċisiv lejn Pjan Pastorali għas-Snin '90,* Malta 1993.
Arċidjoċesi ta' Malta, *Lejn is-Sena 2000 bħala Familja: Programm Pastorali 1998-2000* Malta 1998.

## Il-Kelma tibni l-komunità

10

Ix-xandir tal-Kelma għandu l-ħsieb li jibni komunità ta' fidi (ara 1 Tim 2,1). Il-kejl ta' kollox huwa l-bini ta' komunità ta' fidi li tħares lejn Alla bħala Dak li jsalva u li hu s-sens tal-ħajja u għajn ta' ġid fir-riżq tajjeb u ħażin, fil-mard u fis-saħħa b'sens ta' fedeltà dejjiema.[6]

Il-Knisja f'Malta hija responsabbli quddiem is-soċjetà Maltija mhux biss meta individwi jaġixxu imma meta hija taġixxi bħala Knisja.[7] Għalhekk il-ministeru tal-Kelma jitlob l-ewwelnett konverżjoni u tiġdid kontinwi mill-individwi u strutturi.[8] Bħala istituzzjoni u organizzazzjoni li hi wkoll umana, il-Knisja trid tagħti xhieda ta' fidi, tama u mħabba. F'dan, hija responsabbli lejn l-insara Maltin, lejn l-organizzazzjonijiet l-oħra f'dan il-pajjiż u lejn iċ-ċittadini kollha.

6 San Pawl jorbot flimkien l-esperjenza ta' Alla mal-komunità u dik tal-ħajja miżżewġa (ara Ef 5,25-33).

7 Eżempji: Il-Knisja f'Malta tagħti xhieda ta' dak li temmen mill-mod kif tuża r-riżorsi li għandha, kif tmexxi l-APS Bank, kif taħtar jew tibdel il-persuni li għandhom karigi fi ħdanha.

8 *Evangelii Nuntiandi*, 18-20.



## Kap IV

# IL-KNISJA F'MALTA ĠĠARRAB U XXANDAR IL-KELMA

## Il-Kelma trid tilħaq lil diversi udjenzi

11

Hemm mumenti speċjali meta l-komunità Maltija li temmen tisma' u ġġarrab il-qawwa tal-Kelma. Fost dawn nixtiequ nsemmu dawn l-isfidi u l-opportunitajiet li nstemgħu fl-istħarriġ li sar fost l-insara Maltin.

Tul il-ħidma tagħha, il-Knisja żviluppat mumenti speċjali fejn ixxandar il-Kelma. Għal ħafna żmien, dan it-tagħlim kien imqassam b'mod li jilħaq diversi gruppi ta' nies. Hekk żviluppa l-quddies għat-tfal u l-quddies għaż-żgħażagħ. Żviluppaw l-eżerċizzi għat-tfal, għall-miżżewġin, għaż-żgħażagħ u kategoriji oħra. Din is-*segmentation* (taqsim) ta' l-udjenzi hija bżonnjuża għax tagħmilha possibbli li nfasslu messaġġ aktar rilevanti lil kategoriji differenti.

Iżda s-*segmentation* tradizzjonali m'hijiex biżżejjed għaż-żminijiet tagħna. B'eżempju nsemmu li n-nies fil-parroċċi tagħna llum m'għadhomx daqshekk ta' qatgħa waħda kif kienu qabel. Għalkemm il-messaġġ Kristu jibqa' ċ-ċentru (ara 1 Kor 3,11-15), naħsbu li hemm bżonn *segmentation* ġdida li tagħraf id-differenzi bejn in-nies u l-ħidma tagħhom, livelli ġodda ta' edukazzjoni u kuntatti ma' oħrajn. B'hekk ikollna messaġġ aktar rilevanti għall-ħtiġijiet ta' żmienna kif diġa semmejna.[9]

## Hija l-Kelma li twassal għat-tifsir tas-sagramenti

12

Ħafna mill-mumenti tax-xandir tal-Kelma fil-Knisja f'Malta huma marbuta maċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti. Meta jintegraw u jdawlu l-ħajja tan-

[9] Bħal ma ħsibna biex noħolqu spazju għal dawk bit-tfal żgħar f'xi wħud mill-knejjes tagħna, irridu nibdew noħolqu spazji ġodda fil-liturġiji tagħna. Hekk, ngħidu aħna, irridu noħolqu spazju għat-tfal ukoll waqt il-liturġija tal-kbar. Għandna bżonn liturġija għal dawk li jixtiequ jimxu fil-ħajja tad-dixxerniment. Hemm bżonn li l-liturġija tagħna taħseb għal dawn il-bżonnijiet ġodda. Wasal iż-żmien li nibdew niċċelebraw liturġija b'fiżjonomiji differenti u ngħinu lin-nies biex kulħadd jista' jsib dik il-liturġija li tgħinu/tgħinha ssib 'l Alla. Biex dan iseħħ, hemm bżonn tibdil fil-ħsieb pastorali u xi drabi fl-istrutturi fil-knejjes tagħna.

nisrani, dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jistgħu jkunu mumenti ta' fidi għall-insara Maltin. Iżda dan mhux dejjem il-każ. F'dan il-qasam fadal ħafna x'isir, per eżempju mil-lat taċ-ċelebrant, ta' l-ambjent u tal-parteċipazzjoni. Xi drabi ċ-ċelebrazzjoni tal-quddies tintuża bħala soluzzjoni ħafifa biex timla u tistruttura l-ħin!

Minħabba attenzjoni esklussiva fuq is-sagramenti, nieqsa fid-djoċesi l-mumenti meta l-insara Maltin jistgħu jiltaqgħu u jixtarru flimkien il-Kelma biex iddawwal lil ħajjithom. Minkejja bosta sforzi li saru fil-qasam ta' edukazzjoni biblika, f'għadd kbir mill-insara Maltin, l-għarfien tal-Kotba Mqaddsa hu nieqes, infantili u litterali, meta mhux ukoll fundamentalista. Donnu jagħmel sens li niltaqgħu biex niċċelebraw is-sagramenti iżda mhux li niltaqgħu biex nisimgħu u nistudjaw il-Kelma. B'hekk qed nitilfu għajn ħajja li tista' titma' l-fidi tagħna (ara Mt 13,23). Hija l-Kelma li tħejjina għas-sagramenti. Hija l-Kelma li twassalna għat-tifsir tas-sagramenti. Hija l-Kelma li tgħinna ngħixu aħjar is-sagramenti.

Hawn ta' min jinkuraġġixxi l-ewwelnett il-korsijiet ta' tagħlim fuq il-Bibbja li jsiru fil-parroċċi tagħna. Ta' min jinvesti aktar ħalli jilħqu l-iskop tagħhom. Ta' min jinkuraġġixxi wkoll il-laqgħat li jsiru fi gruppi bejn saċerdoti u lajċi biex iħejju l-liturġija tal-Kelma għall-quddies ta' Jum il-Mulej.

## It-tagħlim tar-reliġjon

13

It-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel huwa mument meta l-insara Maltin jiltaqgħu mal-Kelma. In-nuqqas ta' distinzjoni ċara u kumplimentarjetà bejn il-katekeżi parrokkjali, l-edukazzjoni reliġjuża u t-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel jidher li qed joħloq ċertu disgwid. Għalhekk dawn għandhom jiġu definiti iżjed mill-Knisja f'Malta biex joħroġ dak li hu speċifiku għal kull wieħed minnhom u l-kontribut tagħhom ilkoll għall-formazzjoni integra tan-nisrani.

L-iskejjel tal-Knisja jedukaw madwar terz tat-tfal Maltin. Għad għandna problemi dwar it-tagħlim tar-religjon f'xi skejjel tal-Knisja. Barra minn dan, ikun f'waqtu li l-Knisja teżamina kemm l-iskejjel qed jaqdu l-funzjoni tagħhom importanti fix-xandir tal-Kelma, ħalli jkunu jidhru b'mod ċar il-kwalitajiet ta' skola kattolika, li tħaddan ukoll formazzjoni għall-impenn soċjo-politiku u l-ħsieb ta' l-imwarrbin u l-fqar. Id-djoċesi tistħarreġ dan fil-fond fiż-żmien li ġej.

## Il-katekeżi

14

F'ħafna parroċċi hemm sistema biex twassal it-tagħlim tal-katekiżmu lil dawk kollha li jersqu għaliha. F'dan il-qasam tispikka l-ħidma tas-Soċjetà tal-MUSEUM, mhux biss fil-katekisti imma wkoll fil-materjal għat-tagħlim, kif ukoll il-ħidma ta' ħafna katekisti u voluntieri oħra. Il-preżenza ta' dawn in-nies hija grazzja kbira għad-djoċesi. Hemm bżonn li dawn l-operaturi pastorali jiġu megħjuna u mħarrġa iżjed għall-ħidma li qed iwettqu. F'dan il-każ, b'mod speċjali, ix-xandir tal-Kelma jrid jasal fi sfond ta' l-iżvilupp tal-bniedem sħiħ. Wasal iż-żmien li d-djoċesi tagħraf b'mod formali l-ħidma wtieqa, u toffri ministeru formali lil dawk li b'tant sagrifiċċju qed jaħdmu f'dan il-qasam.

Ma nistgħux ninsew lil dawk li ma jersqu għal ebda tagħlim. Il-komunità nisranija f'Malta tagħraf li, għal raġuni jew oħra, ċerti individwi ma jersqux għal din il-mixja. Huwa għalhekk li kull parroċċa trid toħloq metodi biex tintebaħ b'dawk li ma jersqux, u waqt li tirrispetta d-deċiżjoni tagħhom, toffrilhom id miftuħa ħalli tħajjarhom isibu t-triq tagħhom lejn Alla.

## Il-Kelma għall-adolexxenti u għaż-żgħażagħ

15

Hemm vojt kbir għal dawk li jixtiequ jsaħħu l-fidi tagħhom b'tagħlim wara li li jagħlqu t-tnax-il sena. F'din l-età, iż-żgħażagħ jgħaddu minn taqlib biex isibu lilhom infushom u dak li jixtiequ jwettqu f'ħajjithom. Iżda f'din l-età,

ix-xandir tal-Kelma mhux jasal għandhom biex idawwal l-għażliet tagħhom.[10]

Hawnhekk irridu nsemmu d-diskussjoni li saret u li qed issir dwar l-età tal-Griżma fid-djoċesi. Fid-dawl ta' l-iżvilupp ta' fidi matura li qegħdin nipproponu f'dan id-dokument, nemmnu li l-età tal-Griżma għandha togħla biex tirrifletti d-deċiżjoni matura li titlob din l-għażla. Iżda biex dan isir, trid tinbidel l-istruttura kollha li għandna fil-preżent biex inħejju ż-żgħażagħ ħalli jagħmlu din l-għażla. Ix-xandir tal-Kelma jrid isir b'mod ġdid biex l-adolexxenti u ż-żgħażagħ jintebħu li għażla tal-fidi hija don mogħti lilna biex Alla jkun preżenti f'ħajjitna u fir-rabtiet tagħna flimkien.

Kristu għandu sfida x'joffri lilna anke f'din il-fażi tal-ħajja. Biex naslu hawn, filwaqt li hu meħtieġ li ż-żgħażagħ tagħna jitgħallmu t-talb, hu importanti ħafna li jġarrbu l-esperjenza ta' komunità ħajja.[11] Minn dan ikompli joħroġ il-bżonn li jkollna fostna aktar parroċċi li jgħixu l-ħajja ta' komunità. Fejn m'hemmx sens qawwi ta' komunità huwa diffiċli ferm, jekk mhux impossibbli, li ssir ħidma ta' evanġelizzazzjoni jew katekeżi.

F'xi parroċċi ċ-ċelebrazzjonijiet tas-sagramenti huma organizzati b'lajċi impenjati flimkien ma' xi saċerdot tal-parroċċa biex isiru okkażjonijiet ta' tagħlim u tiġdid. Iżda dan mhux dejjem il-każ. Anke fejn isiru dawn l-isforzi ta' tagħlim, hija ħasra li dawn il-mumenti m'humiex marbutin flimkien f'formazzjoni sistematika għal dawk li jridu jimxu u jiżviluppaw il-fidi tagħhom.

## Il-Kelma u l-gruppi

16

Illum ħafna jduqu t-tagħlim tal-Kelma meta jħaddnu xi grupp jew moviment ta' talb jew formazzjoni. Dawn jistqarru li fil-gruppi jsibu ċerta ħajja li ma ssibhiex fil-parroċċi tagħna. Għandna ħafna gruppi f'Malta li kollha jagħtu

10 Għal diskussjoni aktar sħiħa, ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Adolexxenti u Żgħażagħ*.

11 Dak li bl-Ingliż jissejjaħ "*a community of practice*". Din hija l-bażi biex wieħed jgħallem valuri.

sehemhom biex il-poplu tagħna jikber fit-tagħlim. Iżda anke f'dan il-kamp jeżisti sparpaljar ta' enerġija. L-enfasi għadha fuq ħajja ta' fidi individwali u, xi drabi, pjetiżmu li kważi jwassal għal fundamentaliżmu. Dan kultant jidher minn arroganza sottili - "aħna l-imsejħin u l-oħrajn inferjuri" - nuqqas ta' tolleranza u nuqqas ta' ħidma ma' gruppi oħra fl-istess Poplu ta' Alla. B'dispjaċir ninnutaw li hawn gruppi li jaħdmu biex iżidu l-membri u mhux biex aktar nies jingħaqdu fl-iżvilupp tal-fidi tagħhom biex isiru l-Poplu ta' Alla fi triqtu lejn Ġerusalemm. Uħud minn dawn il-gruppi qegħdin huma wkoll jaqgħu għal riġidità ġdida li toħnoq il-mixja tal-fidi (ara Mt 7,8-13).

Hemm nuqqas ta' qbil dwar il-mod kif dawn il-gruppi għandhom jaħdmu fil-parroċċi tagħna. Hawn min jaħseb li għandu jingħata lok biex parroċċa tieħu ċerta bixra msawra minn spiritwalità ta' grupp jew ieħor partikulari. Hemm min isostni li l-parroċċa għandha tieħu l-mudell tad-djoċesi fejn diversi tipi ta' spiritwalità jgħixu flimkien u joffru l-alternattivi lill-Poplu ta' Alla huwa u jsib triqtu lejn il-Missier. Nemmnu li f'dan il-kamp id-djoċesi għandha twettaq valutazzjoni serja u tfassal għajnuniet li, waqt li jirrispettaw l-awtonomija ta' kull grupp, fl-istess ħin jgħinu biex il-ħidma tal-gruppi tkun aktar koordinata.

## L-omelija

17

Wieħed mill-mumenti speċjali tax-xandir tal-Kelma hu l-omelija. Din kienet tema qawwija li ħarġet mill-ewwel fażi tas-Sinodu. Jekk wieħed jiġbor l-ilmenti fi ftit kliem, ikollu jgħid li hawn omeliji li huma nieqsa mit-tagħlim u mill-kuntatt mal-Poplu ta' Alla.

Dwar l-omelija jidher li hemm żewġ problemi: il-kontenut u l-mod kif jitwassal il-kontenut. Biex jitjieb il-kontenut hemm bżonn aktar tagħlim.[12] Jeħtieġ li dawk li jwasslu l-Kelma jkunu tassew midħla kemm

[12] Hawn mhux qed nifhmu biss tagħlim ta' dak li temmen u tgħallem il-Knisja, iżda wkoll tagħlim aktar wiesa' ta' kultura u qari letterarju li jgħin u jdawwal il-messaġġ fejjiedi. B'eżempju ta' dan it-tip ta' integrazzjoni nsemmu r-riflessjoni tal-Kardinal Carlo Maria Martini *Quale bellezza salvera' il mondo: Lettera pastorale per l'anno 1999-2000*. F'din l-ittra pastorali l-Kardinal Martini jgħaqqad l-esperjenza tat-Tabor mal-mistoqsijiet ta' Dostoevskij biex jitkellem fuq il-preżenza ta' Alla.

tagħha kif ukoll tal-kultura tal-bnedmin. Donnu nieqes għarfien kulturali wiesa' li jista' jħawwar il-messaġġ li rridu nwasslu. Biex titjieb id-*delivery* hemm bżonn ta' aktar taħriġ fil-*public speaking*.[13] Minn dak li stqarr il-Poplu ta' Alla, jidher li jkun żball li wieħed jillimita ruħu għat-tieni problema biss.

L-omelija hija marbuta mas-saċerdot li jippresiedi l-liturġija. Iżda, għall-ġid u l-imħabba tal-Poplu ta' Alla, għandhom jiġu mistħarrġa xi forom ta' kontribut mil-lajċi fil-qasam tat-Tħabbir tal-Kelma fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, fejn dan hu permess min-normi universali. B'hekk il-Knisja f'Malta tkun qed tagħraf li l-Ispirtu joffri ħafna doni fi ħdanha.

## Il-parroċċa: ċentru ta' animazzjoni tal-fidi

18

Wasal iż-żmien li d-djoċesi tagħna tistaqsi lilha nnifisha dwar il-mudell ta' parroċċa li għandna. Ħafna drabi kollox jiddependi mill-kappillan/arċipriet u l-bini tal-parroċċa. Iżda l-esperjenza ta' dawn l-aħħar tletin sena kompliet turi kemm iċ-ċaqliq tal-kappillan iħalli konsegwenzi. Il-kappillan għandu sehem importanti ħafna fit-tiswir tal-parroċċa, iżda anke hu huwa għasfur tal-passa. Meta jimxi hu, il-parroċċa trid tibqa'. F'dan il-kuntest, il-parroċċa trid issir ċentru ta' animazzjoni tal-fidi tal-Poplu ta' Alla. Dan għandu jkun il-kriterju u l-kejl ta' dak kollu li jsir fil-parroċċa.

Il-kappillan, min-naħa tiegħu, għandu jħabrek biex jibni komunità li b'fidi tfittex ix-xbihat ta' Alla fil-ħajja tal-parroċċa u li tfittex tagħti risposti għall-bżonnijiet li jitwieldu fiha minn żmien għal żmien. Il-mod kif inhi strutturata l-parroċċa llum, bħala ċentru ta' amministrazzjoni tas-sagramenti u tal-ħwejjeġ materjali, ftit iħalli spazju għall-animazzjoni tal-fidi. U fejn jeżisti ħin għall-animazzjoni, il-qassis kultant isib li ftit hu mħarreġ għaliha.

[13] Dan mhux biss taħriġ dwar l-użu tal-mikrofonu u l-intonazzjoni tal-vuċi, iżda jrid jinkludi wkoll tagħlim dwar ir-retorika u tfassil ta' diversi tipi ta' messaġġi.

## Taħriġ fid-dinamika tal-ħajja fl-Ispirtu

19

Jekk niftiehmu fuq dan it-tip ta' pastorali, allura jinħass il-bżonn li nitkellmu fuq it-tip ta' formazzjoni tas-saċerdoti, tar-reliġjużi u tal-lajċi fis-Seminarju, fil-Fakultà tat-Teoloġija, u f'istituzzjonijiet oħra. Minn dawn il-bejtiet tittajjar it-tama għat-tiġdid tad-djoċesi. B'eżempju nsemmu li jekk it-tir tagħna ser ikun l-animazzjoni tal-fidi tal-Poplu ta' Alla, allura huwa importanti li l-qassis u l-operatur pastorali jingħataw taħriġ dwar id-dinamika/żvilupp tal-ħajja fl-Ispirtu biex dawn jistgħu jkunu ta' għajnuna għal ħuthom il-bnedmin.

Hemm bżonn li jkun hemm taħriġ fl-istudju tal-Kelma, fid-dixxerniment komunitarju, fil-pedagoġija tal-fidi u l-katekeżi, fix-xjenzi umani u fil-komunikazzjoni. Hu meħtieġ li dan it-tip ta' taħriġ jingħata importanza u jissaħħaħ.

## Il-festi titulari

20

Għal poplu li jfittex kull okkażjoni biex jiċċelebra, il-festi titulari huma mumenti qawwija meta l-poplu tagħna jistqarr b'mod pubbliku l-ferħ tiegħu. Tajjeb li l-parroċċa jkollha sehem f'dan il-ferħ. Iżda jkollna nistaqsu kemm dawn huma mumenti ta' xandir tal-Kelma li jwasslu biex tinbena l-fidi tal-Maltin u l-komunità tal-Poplu ta' Alla. Xi drabi dawn il-festi huma stqarrija ta' fidi infantili msejsa fuq is-superstizzjoni, qligħ, jew *ego trips*. Xi drabi l-festi huma mumenti ta' firdiet u stqarrija ċara tan-nuqqas ta' fidi.

Id-diskussjoni li bdiet dwar dan is-suġġett trid tkompli u l-Knisja f'Malta trid tkompli tieħu deċiżjonijiet meħtieġa.[14] Irridu nagħrfu u nagħżlu

[14] Dwar dan, ara d-dokument tas-Sinodu *Kultura-Soċjetà-Knisja*, 63.

bejn dak li hu kulturali u dak li hu twemmin. Forsi diffiċli ħafna toħroġ is-sens veru tal-festi. Il-proċess ta' edukazzjoni huwa twil u tqil. Iżda huwa bżonnjuż jekk irridu festi li jsostnu l-fidi ta' l-insara Maltin. Ngħidu li l-festi tal-Għid u tal-Milied huma l-festi l-kbar fil-liturġija tagħna. Iżda dawn l-anqas biss jinħassu meta mqabbla mal-festa tar-raħal. Mhux l-ewwel darba u tnejn li, minħabba l-kalendarju, il-festa tar-raħal ħadet post il-festa tat-Trinità Qaddisa jew ta' Għid il-Ħamsin.[15]

## Il-mezzi ta' komunikazzjoni

21

Il-mezzi ta' komunikazzjoni joffru sfida għax-xandir tal-Kelma. Għal ħafna żmien il-Knisja ħarset lejn dawn il-mezzi bħala estensjoni tal-pulptu. Iżda maż-żmien il-Knisja għarfet li dawn il-mezzi għandhom l-awtonomija tagħhom. Is-siwi tagħhom jitkejjel daqskemm huma mezz ta' għaqda fost l-ulied ta' Alla mxerrda ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Il-Knisja f'Malta ma tistax tirtira minn din il-ħidma aktar u aktar issa li l-kunċett ta' "*media* għas-servizz" qiegħed jinbidel f'"*media* għan-negozju".

Il-preżenza ta' l-ispirazzjoni nisranija fil-*media* mhix aktar għażla u l-Knisja ma tistax ma tkunx preżenti fil-ġeġwiġija ta' ideJat li, minn żmien għal żmien, jitrejħu fuq il-*media* Maltija.[16] Anzi nemmnu li l-Knisja trid tieħu l-*media* f'Malta b'serjetà kbira. Bħal negozjant li ma jistax ma jagħtix każ tas-suq, il-Knisja ma tistax twarrab il-*media*. B'sens ta' umiltà2 quddiem poplu li qiegħed ifittex triqtu, il-Knisja f'Malta trid tissieħeb fis-smigħ tas-sinjali taż-żminijiet, fl-inċertezza ta' l-interpretazzjoni u fit-taqtigħ il-qalb li jgħaddi minnu kull min jipprova jwettaq dak li jemmen. Jekk ma nagħmlux dan, faċli nsiru ċimblu jżarżar.

[15] Dwar dan, ara d-dokument tas-Sinodu *Liturġija u Sagramenti*, 19.

[16] "... Dak li ngħidilkom f'widnejkom xandruh minn fuq il-bjut" (Mt 10, 27).

Irid ikollna fiduċja fil-membri tal-Knisja f'Malta. Irridu nuru li fi ħdan il-komunità li temmen, jistgħu jidhru xejriet differenti sakemm flimkien insibu triqtna lejn il-Missier. Il-Knisja, bħall-bqija tal-bnedmin, trid tissielet sakemm hija wkoll tagħraf dak li l-Mulej irid minnha (ara Gal 1,14; Atti 15).[17] Il-Knisja, tul il-mixja tagħha fl-istorja, trid turi lill-membri tagħha bit-tibdil li jsir fi ħdanha.

Ħafna mix-xogħol tad-djoċesi fil-qasam tal-*media* qiegħed isir mill-*Media Centre*. Il-gazzetta *Il-Ġensillum* ma qabditx art, ukoll jekk dan l-aħħar reġgħet ħadet ftit nifs.[18] Il-ħidma għal *group media* naqset bis-sħiħ.[19] Hemm ukoll entità oħra, ir-radju RTK, li qabad sew u ġibed udjenza qawwija, speċjalment fost dawk 'il fuq minn 40 sena.

Fil-qasam tal-*media*, għal dawn l-aħħar snin, ma kienx ċar ir-rwol tas-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali fid-djoċesi tagħna. Is-Segretarjat għandu żewġ għanijiet: ħidma strateġika biex ix-xandir tal-Kelma fuq il-mezzi tax-xandir isir b'mod koordinat, kif ukoll biex issir ħidma pastorali fost ix-xandara.

Minħabba n-nuqqas ta' distinzjoni bejn is-Segretarjat u l-*Media Centre,* il-*Media Centre* seta' jidher bħala l-organizzazzjoni responsabbli għax-xandir tal-Kelma.[20] Dan jista' jxekkel il-*Media Centre* u joħloq konfużjoni ma' gruppi oħra fid-djoċesi li qed jaħdmu f'dan il-qasam.

17 Dawn l-esperjenzi ta' l-ewwel komunità ta' fidi għandhom jingħataw aktar importanza jekk irridu nfittxu r-rieda ta' Alla għalina l-Maltin f'dawn iż-żminijiet.

18 Id-djoċesi tissussidja l-gazzetta u, b'mod inqas, il-ħidma tar-radju.

19 *Group Media* huma għodod awdjo-viżivi u jintużaw biex iqanqlu riflessjoni u diskussjoni fi gruppi żgħar. Minħabba l-kuntest u d-dinamika li joħolqu, u għax il-grupp jista' jkun aktar rilevanti għall-membri tiegħu, dawn l-għodod jistgħu jgħinu ħafna għall-maturità fil-fidi u biex jiġu diskussi problemi tal-ħajja ċivili. Il-*phone-in* fix-xandir juri kemm il-poplu tagħna għandu mistoqsijiet. Il-*group media* jista' joħloq *forum* aktar addattat għad-diskussjoni ta' dawn il-mistoqsijiet.

20 B'xebh nistgħu nitkellmu fuq id-differenza bejn regolatur u operatur.

## Edukazzjoni fil-*Media*

22

Fl-għarfien tas-sinjali taż-żminijiet, il-Knisja f'Malta kienet minn ta' quddiemnett billi żviluppat programm avvanzat ta' *Media Education* għall-iskejjel tagħha. Dan sar fid-dawl ta' dak li hu miktub minn diversi dokumenti tal-Knisja kemm dik universali[21] kif ukoll dik lokali.[22] Dan l-aħħar, l-Istat ħareġ l-importanza ta' dan kollu fil-pubblikazzjoni tan-*National Minimum Curriculum*, li jittratta wkoll dan il-qasam. Dan is-Sinodu jitlob li l-programm tal-*Media Education* imfassal mis-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali jifforma parti integrali mit-tagħlim bażiku fil-livelli kollha ta' l-iskejjel tal-Knisja.

## Espressjonijiet artistiċi ta' żminijietna

23

Għal ħafna sekli, il-Knisja dawlet u xprunat il-kultura f'pajjiżna. Dan jixhduh il-ħafna espressjonijiet artistiċi mxerrda fil-postijiet ta' qima u fil-pajjiż kollu. L-artist, bil-ħidma tiegħu, jesprimi dak li ġġarrab il-qalb u li ħafna drabi ma jidhirx fil-bixra minn barra. Illum inħarsu lejn dawn l-opri ta' arti ta' kull forma, u fihom inġarrbu esperjenzi tal-preżenza ta' Alla. Iżda fi żmienna l-Knisja jeħtieġ tkabbar u ssaħħaħ dan il-kuntatt ma' l-artisti. F'xi każijiet, donnu l-preżenza ta' Alla fl-arti waqfet fi żmien il-Barokk Malti.[23] Huwa importanti li l-Knisja tkompli tispira lill-artisti ta' żmienna biex jaraw il-preżenza ta' Alla f'forom ta' żminijietna. B'hekk dawk ta' warajna jaraw li anke fi żminijiet moderni Alla eżista fit-tqanqil tal-qlub ta' l-artisti.[24]

21 Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Inter Mirifica* (4 ta' Diċembru 1963); Istruzzjoni Pastorali *Communio et Progressio* (23 ta' Mejju 1971); Istruzzjoni Pastorali *Aetatis Novae* (22 ta' Frar 1992).

22 Ara *Pjan Pastorali 1986-1991* u *Programm Pastorali Lejn is-Sena 2000 bħala Familja.*

23 Dan intqal f'xi *focus groups* li saru bi tħejjija għall-bini tad-dokument.

24 Dwar dan, ara d-dokument tas-Sinodu *Kultura-Soċjetà-Knisja*, 64-65.

## Il-ħtieġa ta' djalogu mal-kultura

24

L-iżvilupp fil-kultura Maltija jitlob mentalità ġdida. Irridu nitgħallmu l-atteġġjament ta' Knisja li toffri x-xhieda u l-ħidma tagħha fi spirtu ta' servizz; konxja li aħna vuċi li, flimkien ma' ilħna oħra, qiegħda tikkompeti biex tħajjar u tirbaħ il-qlub. Il-Knisja u n-nisrani f'Malta huma għalhekk imsejħa, aktar minn qabel, biex jispjegaw il-għala tat-tama tagħhom (ara 1 Pt 3,15-16). Il-Knisja f'Malta għandha biċċa xogħol doppja: trid tiftaħ djalogu ġdid ma' dawk ta' rieda tajba li ma jħaddnux l-istess twemmin, u trid tiftaħ ukoll djalogu ma' l-istess membri tagħha biex jifhmu dan l-ambjent ġdid.

Il-Knisja f'Malta għalhekk tagħraf l-isfida ta' għamliet ġodda ta' ħidma pastorali, biex twassal lill-"insara kulturali" għal mixja ta' fidi aktar impenjata u biex tgħinhom jifhmu u jġarrbu l-Knisja bħala komunità ta' fidi li huma għandhom sehem fil-bini tagħha. B'hekk, l-insara jistgħu jimxu 'l quddiem fil-maturazzjoni tal-fidi.[25]

F'dan is-Sinodu, il-Knisja tagħraf il-ħtieġa li toħloq djalogu dejjem akbar mal-kultura Maltija bħal ftit ħmira. Il-Knisja trid tisma' l-kultura, titgħallem minnha u tiddiskuti magħha punti għar-riflessjoni.[26] Il-Knisja tagħraf li għandha sehem importanti f'Malta li qed tinbena. Bħala esperta ta' dak li hu uman, tista' tgħin biex il-pajjiż kollu jkun post xieraq fejn jissawru u jgħammru l-bnedmin. F'dan, il-Knisja f'Malta xxandar messaġġ fejjiedi lill-bnedmin ta' rieda tajba, kemm Maltin kif ukoll dawk li jiġu jżuru din il-gżira.

[25] Il-ħidma pastorali f'Malta m'għandhiex tkun "*one shot deal*" imma mixja lejn maturità biex nilbsu l-istess sentimenti li kellu Kristu Ġesu' (ara Fil 2,5).

[26] Ara *Gaudium et Spes*, 22.

## Ix-xandir tal-Kelma f'ħidma favur il-bniedem

25

Il-Knisja f'Malta għandha storja sabiħa ta' sehem qalbieni fil-ħidma soċjali għall-benefiċċju tal-Maltin. Ħafna drabi kienet il-Knisja li permezz ta' volontarjat organizzat u xandret il-Kelma f'ħidma favur il-bniedem u wriet it-triq lejn bżonnijiet ġodda fil-ħajja ta' pajjiżna. Il-Knisja f'Malta dejjem kellha nies li b'inizjattiva privata u b'erojiżmu kbir għamlu l-ewwel pass u ħadu din il-ħidma b'ħafna serjetà.

Iżda dan il-wirt għaddej minn tibdil. Nibtu f'Malta numru ta' *NGOs*[27] li qegħdin ikomplu din il-ħidma b'mod aktar professjonali. Inħass il-bżonn li l-ħidma tal-volontarjat tiżdied b'dik ta' professjonisti li jintefgħu għal dan ix-xogħol speċjalizzat.

Il-Knisja f'Malta, waqt li tkompli l-ħidma tagħha favur il-bniedem sħiħ, jeħtieġ tagħmel dixxerniment ta' din il-ħidma.[28] Forsi wasal iż-żmien li xi ħidmiet jgħaddu f'idejn oħra. Oħrajn jissaħħu, waqt li nfittxu uċuħ ġodda ta' Kristu sfigurat. Nemmnu li l-ħidma fost l-illitterati u r-refuġjati huma ħidmiet ġodda li l-Knisja għandha tidħol għalihom b'aktar impenn.

Dan jitlob li l-Knisja tkompli tiżviluppa metodi ġodda ta' ħidma. Kif semmejna qabel, il-Knisja trid tidħol fi djalogu ġdid li japprezza iżjed il-ħidma tal-professjonisti u ta' metodi professjonali. Bil-ħidma tagħha ma' dawn l-għaqdiet, il-Knisja tagħti xhieda tat-twemmin tagħha fil-bniedem bħala xbieha ta' Alla u tal-qawwa tas-solidarjetà bejn il-bnedmin. Dan ukoll jista' jkun mument ta' djalogu ma' dawk li ma jaqsmux l-istess twemmin.

27 *Non-Governmental Organisation* (*NGO*) tinkludi dawk l-entitajiet kollha mibnija fuq il-volontarjat. Dawn kienu u huma mezz qawwi kif il-Knisja f'Malta titkellem mal-kultura speċjalment fil-kamp soċjali u tal-karità.

28 Dwar dan, ara d-dokument tas-Sinodu *Djakonija u Ġustizzja*, 26.

F'dawn l-aħħar snin, minħabba li n-nies qiegħda tgħix aktar u minħabba l-iżviluppi fis-servizz, il-kura medika f'pajjiżna qiegħda ssir aktar speċjalizzata. L-isptarijiet ta' l-Istat qegħdin jidħlu aktar fil-fond fid-diversi oqsma mħollija f'idejhom. Dalwaqt ser ikollna sptar ġdid. Tfaċċaw fostna wkoll għadd ta' sptarijiet privati. Għalhekk jeħtieġ li l-ħidma pastorali f'dan il-qasam tkompli tissaħħaħ.



## Kap V

# IR-RIŻORSI TAL-KNISJA F'MALTA

## Riżorsi għax-xandir tal-Kelma

26

Għall-grazzja ta' Alla, il-Knisja f'Malta għandha ħafna riżorsi biex twettaq il-ministeru fejjiedi tax-xandir tal-Kelma. Ħafna lajċi impenjati jagħtu sehemhom, flimkien ma' saċerdoti u reliġjuzi, biex il-Kelma tasal fl-oqsma diversi tal-ħajja Maltija.

Ma' dawn ir-riżorsi nsemmu wkoll l-istrutturi tal-Knisja f'Malta li nħolqu matul iż-żmien biex iwasslu l-messaġġ ta' Kristu li qam mill-mewt biex jagħti l-ħajja lilna. Insemmu wkoll il-propjetà, bħal knejjes, ċentri ta' tagħlim, swali, l-Istitut Kattoliku, u oħrajn, li tintuża għax-xandir tal-Kelma. Dan huwa wirt importanti u jgħabbi fuqna responsabbiltà ta' użu għaqli. Bl-istess mod insemmu l-għotjiet li l-insara jagħtu għall-bżonnijiet tal-Knisja kull meta jiltaqgħu għall-qima jew f'mumenti oħra. Jidher li għad fadal ħafna taħwid f'moħħ in-nies dwar il-ġid tal-Knisja li xi drabi jtellef l-istess xhieda tal-Knisja fost il-poplu.

## Il-ħtieġa ta' koordinament fl-użu tar-riżorsi

27

Jidher li, għalkemm qiegħda ssir ħafna ħidma, ftit hemm koordinament fl-użu tar-riżorsi. Uħud jaħdmu l-biċċa tagħhom mingħajr ma jafu jew jagħtu każ ta' dak li qegħdin jagħmlu l-oħrajn.[29] Dan huwa ħasra għaliex il-ħidma flimkien għandha tgħinna nużaw ir-riżorsi tagħna b'mod aktar effettiv. Imma, aktar minn hekk, il-ħidma flimkien tagħti xhieda ħajja tad-dimensjoni Trinitarja tal-ħidma tagħna.

[29] Il-Programm Pastorali 1998-2000 saħaq ħafna fuq dan il-punt. Iżda donnu li kultant l-ideja ta' "Knisja Familja" ttieħdet bħala riferenza għall-kwistjonijiet tal-familja li kienu prevalenti dak iż-żmien. Mhux faċli li taħdem b'mod li ssib bilanċ ħaj bejn l-għanijiet tad-djoċesi u dawk ta' enti partikulari. Iżda din hija l-isfida li għandna quddiemna.

Huwa importanti li l-koordinament fid-djoċesi bejn is-saċerdoti u r-reliġjużi jikber dejjem iżjed. Għandu jkun hemm attenzjoni kbira minn kulħadd biex ħadd ma jħossu "użat". Waqt li nemmnu fis-sejħa speċifika tar-reliġjużi nisa u rġiel, nemmnu li dawn għandu jkollhom sehem aktar integrat fil-ħidma għax-xandir tal-Kelma. B'mod simili, dan il-koordinament għandu jkun ukoll bejn il-gruppi lajkali.

## Taħriġ għax-xandir tal-Kelma

28

Kwalità sabiħa li żżejjen il-ħidma tax-xandir tal-Kelma hija d-dedikazzjoni u r-rieda tajba ta' dawk li joffru l-għajnuna tagħhom f'dan il-qasam. Iżda jidher ċar ukoll li ħafna mill-operaturi pastorali huma nieqsa minn taħriġ u għajnuna biex iwettqu xogħol professjonali fil-ħidma afdata lilhom. Għalkemm ir-rieda tajba hija importanti, iżda fid-dinja ta' llum dan mhux biżżejjed. Meħtieġa formazzjoni soda.

Matul dawn l-aħħar snin, fid-djoċesi tagħna kiber l-għadd ta' nies lajċi li komplew studji għolja fit-teoloġija. Din hi grazzja kbira għall-Knisja. Dan l-isforz mill-Fakultà tat-Teoloġija għandu jkompli u jsir b'aktar impenn. Dawk li jkunu għamlu dan l-istudju u għandhom ir-rieda li jaħdmu fil-qasam tal-Kelma għandu jkollhom l-ispazju biex iwettqu xi ħidma għall-ġid ta' kulħadd (ara 1 Kor 12).

## Ngħinu lill-Poplu ta' Alla jikber fil-fidi

29

Id-djoċesi ta' Malta għandha ħafna ħidmiet, kemm fuq bażi djoċesana u kemm fil-parroċċi, li jistgħu jgħinu fix-xandir tal-Kelma. Fi spirtu ta' għaqal u tiġdid, id-djoċesi għandha tħares lejn dawn il-ħidmiet biex tiżbor u torqom fejn hemm bżonn. Kif semmejna qabel, il-kejl ta' kollox għandu jkun kemm dawn qed jgħinu biex il-Poplu ta' Alla jikber fil-fidi

tiegħu u kemm qed jgħinu biex nidħlu fi djalogu mal-kultura ta' madwarna.

Hemm ukoll għaqdiet li jaħdmu fuq livell djoċesan. Id-diversità ta' dawn il-gruppi jżewqu l-ħidma tax-xandir tal-Kelma b'ħafna kariżmi u karatteristiċi, li għandhom ikunu rispettati u mħarsa. Iżda tajjeb ngħidu wkoll li meta dawn il-gruppi ma jiffukawx l-attenzjoni tagħhom għat-tixrid tal-Kelma fost il-Poplu ta' Alla jkunu qegħdin jitilfu mill-għan tagħhom (ara Mt 5,13-16). Il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi għandu jkun aktar organu ħaj li jgħaqqad dawn il-ħidmiet favur ix-xandir tal-Kelma.[30]

[30] Għal diskussjoni f'aktar dettall, ara d-dokument tas-Sinodu *Lajċi Nsara*.



## Kap VI

# IL-MIRI GĦALL-KNISJA F'MALTA FIL-MINISTERU TAL-KELMA

## Impenn għall-formazzjoni

30

Il-Knisja f'Malta tgħin lill-insara Maltin biex b'fidi ħajja jaraw is-suriet ta' Kristu f'Malta ta' llum u jwieġbu għalihom bl-imħabba. Dan sakemm niltaqgħu miegħu, il-milja tat-tama tagħna, wiċċ imb'wiċċ.

- It-tisħiħ ta' fidi matura għandu jkun il-kriterju ta' kull ħidma fuq livell djoċesan u wkoll fuq livell parrokkjali.
- Jekk irridu li x-xandir tal-Kelma jħalli l-marka tiegħu, il-formazzjoni tal-kleru (eżistenti u futur) għandha tkun prijorità fid-djoċesi tagħna.
- Formazzjoni ta' operaturi pastorali: jeħtieġ tagħlim formali għall-ministeri tal-lajċi, katekisti, għalliema, direzzjoni spiritwali, djakonija, liturġija, familja, żgħażagħ, u nies oħra li jixtiequ jitgħallmu. Għandu jkun hemm formazzjoni bażika għal kulħadd (biex naqsmu l-istess viżjoni u direzzjoni) u wara formazzjoni skond il-ministeri. F'din il-ħidma jagħtu sehemhom b'mod sħiħ il-Fakultà tat-Teoloġija, is-Seminarju u ċentri oħra ta' formazzjoni.
- Isir pjan għall-katekeżi ta' l-adulti fid-djoċesi. Din il-katekeżi trid tkun sistematika u twassal biex l-adulti jerġgħu jsibu lil Kristu bħala għajn ta' ħajjithom.
- Dan l-impenn ta' formazzjoni għandu jiġi offrut ukoll għall-kleru u operaturi pastorali minn pajjiżi oħra. Dan f'sens ta' għaqda ma', u servizz lejn, il-Knisja Universali. Għalkemm post żgħir, Malta toffri diversitajiet kbar f'dawk li huma sitwazzjonijiet u riżorsi. Dan jista' jitpoġġa għas-servizz tal-Knisja fid-dinja u jgħin il-Knisja f'Malta tkun aktar missjunarja.

## Djalogu akbar mal-kultura Maltija

31

Il-Knisja f'Malta timpenja ruħha li tidħol fi djalogu akbar mal-kultura Maltija biex tgħin fil-bini ta' pajjiżna.

- Meħtieġ għarfien akbar tal-missjoni tal-Knisja fil-qasam tax-xandir tal-Kelma lejn il-ħajja ċivili ta' pajjiżna. Irridu naqblu ftit jew wisq dwar il-missjoni tal-Knisja f'pajjiżna. Meta tara l-polemiki fuq il-mezzi tax-xandir, bħalissa hemm differenzi kbar mhux biss ta' lingwaġġ u metodoloġija, imma wkoll fil-mudell ta' Knisja li qegħdin nużaw. Ir-risposta għall-mistoqsija: "Min hi l-Knisja u x'suppost qed tikkontribwixxi lejn il-ħajja ċivili f'Malta?" għandha tingħata fid-dawl tad-dokumenti ta' dan is-Sinodu *Viżjoni ta' Knisja komunjoni* u *Kultura-Soċjetà-Knisja*.
- Il-Knisja trid toħloq kuntatt akbar mal-kultura Maltija permezz ta' tagħlim, djalogu u preżenza fil-kultura Maltija.

## Tisħiħ u aġġornament ta' l-istrutturi

32

Biex twettaq dawn il-miri, il-Knisja f'Malta trid issaħħaħ u taġġorna l-istrutturi li għandha biex jiffukaw fuq din il-ħidma u jgħinu lil dawk li qegħdin iwettquha.

- Ikun hemm Istitut ta' Formazzjoni Pastorali fl-Arċidjoċesi.
- Jiġi msaħħaħ u aġġornat is-Segretarjat għall-Katekeżi.
- Jiġu eżaminati u mibdula l-ħidmiet u l-istrutturi fil-parroċċi biex juru li l-animazzjoni tal-fidi hija l-ewwel u l-aktar xogħol importanti.[31] Dan irid ikun imsejjes fuq ix-xandir tal-Kelma.
- Iċ-Ċentru tar-Riċerka tad-Djoċesi *Discern* għandu jiġi msaħħaħ biex jisma' u jwassal fil-Knisja l-bżonnijiet tal-Poplu ta' Alla f'Malta. Dan iċ-Ċentru jista' jkun għodda li tiżen il-ħidma tad-djoċesi fid-diversi forom tagħha u twassal il-*feedback* meħtieg.
- Fuq livell djoċesan, is-Segreterija Pastorali, taħt it-tmexxija ta' l-Arċisqof, tfassal u tikkoordina l-istrateġija u ssegwi t-twettiq tagħha. Nifhmu ngħidu b'enfasi li hemm distinzjoni bejn strateġija u twettiq.

[31] Il-mod kif inhi strutturata l-parroċċa u l-ħidma tagħha jfisser li ħafna mill-ħin jintuża għall-amministrazzjoni u l-festa. Hemm bżonn nagħrfu li l-għan ewlieni huwa x-xandir tal-Kelma u mbagħad kollox irid jiġi strutturat b'mod li juri dan (ara Atti 6, 1-7).



## Kap VII

# FEJN U KIF B'MOD IMĠEDDED

## Proposti ta' tibdil

33

Għandna nkunu dejjem miftuħin għat-tibdiliet meħtieġa. Kull tibdil fil-Knisja jitlob l-ewwel u qabel kollox bidla fil-mentalità, u mbagħad fl-istrutturi u wkoll fil-prijoritajiet ta' ħidma. Għalhekk qegħdin nagħmlu dawn il-proposti ta' tibdil.

## Bidla fil-mentalità

34

Billi x-xandir tal-Kelma huwa prijorità għall-Knisja, dan irid jidher biċċar fil-ħidma tal-Knisja f'Malta. Xhieda ta' dan hija x-xandir tal-Kelma nnifisha fl-evanġelizzazzjoni u x-xandir tal-Kelma permezz ta' ħidma favur il-bniedem. Il-Knisja f'Malta għandha d-dover li taqdi lill-bniedem. Minn Kristu l-Profeta rċeviet is-sejħa u ngħatat ir-responsabbiltà li fuq kollox tipprattika "d-djakonija tal-verità", jiġifieri li, filwaqt li timxi mal-bniedem fit-tfittxija tiegħu għall-verità, tipproklama l-veritajiet li waslet għalihom.[32]

F'din il-ħidma spiċċa d-dilettantiżmu li xi drabi jwassal għall-ħsara, ukoll jekk il-ħidma ssir bl-aktar intenzjoni tajba. Għalhekk il-Knisja trid tkun aktar effiċjenti u professjonali fix-xandir tal-Kelma u fil-ħidma favur il-bniedem – wara kollox dan huwa mod ieħor kif il-Knisja turi li hi temmen u twassal l-għajn tal-ħidma tagħha u d-dinjità tal-bniedem.

[32] Ara Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Fides et Ratio* (14 ta' Settembru 1998), 2. Dan id-dokument tas-Sinodu ma jitkellimx fit-tul fuq il-ħsieb u l-attitudni tal-ħidma fix-xandir tal-Kelma għaliex dan jitfisser fid-dokument tas-Sinodu *Viżjoni ta' Knisja komunjoni.*

Hemm ħafna x'isir fil-ħidma tax-xandir tal-Kelma bħala tagħlim aġġornat dwar xi tfisser tkun Knisja komunità li temmen u tħaddan lil Kristu bħala l-milja tal-ħajja.[33] Dan ikun il-kejl u l-qofol ta' kull ħidma.

## Strutturi għas-servizz tal-Kelma

35

Biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas preżenti, il-Knisja f'Malta għandha tagħżel it-tagħlim bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha. Għal dan il-għan:

- Hemm bżonn ta' koordinament bejn il-ħidmiet ta' xhieda u xandir li twettaq il-Knisja f'Malta, biex ix-xandir tal-Kelma jsir b'mod aġġornat u koordinat. Is-Segreterija Pastorali tieħu ħsieb tiżviluppa strateġija għal din il-ħidma.
- Issir ħidma mal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta u ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ta' l-Arċidjoċesi biex jingħataw korsijiet ta' tagħlim f'diversi livelli bl-iskop li jikber l-għarfien tat-tagħlim u li jiġu ppreparati persuni għal diversi ministeri, per eżempju ħidma maż-żgħażagħ, Xandir tal-Kelma, Tqassim ta' l-Ewkaristija, Animazzjoni Liturġika, Katekeżi, u oħrajn.[34]

## Is-sagramenti: ċelebrazzjonijiet tal-ħajja

36

Jekk il-Knisja f'Malta hija sinjal viżibbli, bħalissa hija qiegħda tidher aktar permezz taċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti. Il-Knisja għandha taħdem biex tidher aktar bħala komunità li tgħix il-fidi fi Kristu Rxoxt li jdawwal il-ħajja

[33] Aħna msejħin biex ngħixu l-abbandun ta' Kristu msallab quddiem id-dagħbien ta' l-inċertezza u meta ma nifhmux it-toroq ta' Alla. Ma nistgħux niltaqgħu mal-kultura ta' żmienna jekk aħna wkoll, bħala nsara u istituzzjoni, ma nidħlux f'dan id-dlam ta' inċertezza.

[34] Min jieħu sehem f'dawn il-korsijiet għandu jkollu wkoll rikonoxximent uffiċjali u akkademiku tal-ħidma tiegħu.

tal-Maltin u pajjiżhom; it-tama li bħala poplu nafu nieħdu d-deċiżjonijiet tagħna u ngħixu l-imħabba għall-bnedmin (ara Ġw 13,34-35; Ġw 15,15-17; Atti 2,46-47).

Fid-dawl ta' dan, tajjeb li s-Segretarjat għal-Liturġija jistudja kif iċ-ċelebrazzjonijiet tas-sagramenti jsiru aktar ċelebrazzjonijiet tal-ħajja tan-nisrani. Waqt li nżommu f'moħħna l-għaqda mal-Knisja Universali, irridu noffru ċelebrazzjoni li twassal it-tifsir mistur tas-sagrament għall-ħajja tagħna l-Maltin. B'hekk iċ-ċelebrazzjoni tkun mument ta' tiġdid tal-fidi għal dawk li qegħdin jidħlu għas-sagrament u wkoll għal dawk li jieħdu sehem magħhom.[35]

## Riżorsi għal xandir effikaċi u effettiv

37

Il-Knisja f'Malta għandha ħafna riżorsi sparpaljati. Ir-riżorsi ċentrali għandhom funzjoni ta' xhieda globali għall-Maltin, u wkoll ta' servizz għall-parroċċi.[36] Il-Knisja f'Malta trid tgħaqqad ir-riżorsi biex inxandru l-Kelma b'mod effikaċi u effettiv.

Fid-dawl ta' dak li ntqal f'paragrafu 11, iċ-Ċentru tar-Riċerka *Discern* jissaħħaħ u jkompli jaħdem biex jiżvolġi aħjar, għal għanijiet pastorali, is-setturi differenti fi ħdan il-Poplu ta' Alla u fis-soċjetà ċivili. Billi nagħrfu l-lingwaġġ u l-bżonnijiet ta' dawn il-gruppi (*clusters*) nistgħu niżviluppaw ħidma pastorali u xandir tal-Kelma aktar immirati lejn l-udjenzi tagħna.

## Għarfien aħjar tal-Kotba Mqaddsa

38

Għandha ssir ħidma fost il-Poplu ta' Alla, kif ukoll fost l-operaturi pastorali u dawk li qegħdin iħejju ruħhom għall-ministeri, biex jikber l-għarfien

35 Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), 10-11.

36 Bħalissa, kultant, xi parroċċi jħossuhom qegħdin isostnu liċ-ċentru. Xi kappillani għandhom l-impressjoni li ċ-ċentru qiegħed jixrob ir-riżorsi mingħajr ma jaraw dejjem il-frott ta' dan.

tal-Kotba Mqaddsa. Jekk dawn ser ikunu l-ispirazzjoni tal-ħajja nisranija f'Malta, allura hemm bżonn li l-Bibbja tkun il-ktieb tal-Poplu ta' Alla. Mhux biss, imma hemm bżonn studju xjentifiku u spiritwali li jkun aktar minn sempliċi pjetiżmu jew għarfien litterali tal-Kelma.

L-Arċidjoċesi ta' Malta toffri kopja tal-Kotba Mqaddsa liż-żgħażagħ tal-Form II. Din tista' tkun parti minn strateġija aktar wiesgħa biex l-insara Maltin isiru midħla tal-Kelma.

Permezz ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ta' l-Arċidjoċesi, tingħata aktar għajnuna biex isiru korsijiet regolari u koordinati fil-parroċċi u bejn il-parroċċi biex l-insara Maltin jagħrfu s-sejħa tagħhom fi ħdan Knisja komunità. Dawn il-korsijiet qosra jistgħu jinkludu tagħlim dwar il-Kotba Mqaddsa, l-għajxien tal-fidi tagħna, il-Knisja. Ċerti korsijiet jistgħu jsiru fuq bażi reġjonali.

Importanti li l-bini tal-Poplu ta' Alla fuq għarfien tal-Kotba Mqaddsa jkun iċ-ċentru ta' kollox. B'dan qegħdin nagħrfu li l-Knisja hija wkoll imsejħa biex tisma' l-Kelma u tgħin fil-bini tal-Poplu ta' Alla. Il-kriterju ta' kollox għandu jkun: kemm qiegħed jgħin biex jibni l-ħajja ta' fidi li għandu l-Poplu ta' Alla? F'dawn it-tip ta' korsijiet għandhom jiġu mħajra nies biex ikomplu jfittxu aktar tagħlim.

Isir sforz biex aktar lajċi jkomplu l-istudji tagħhom fil-Fakultà tat-Teoloġija.

## Katekeżi u edukazzjoni reliġjuża

39

Fid-dawl ta' nru 13, immedjetament issir analiżi tas-sitwazzjoni minn dawk kollha li huma involuti u tiġi żviluppata proposta ta' *policy* li torjenta l-katekeżi fil-parroċċa, l-edukazzjoni reliġjuża fl-iskejjel u r-rabta ta' bejniethom. Wara din il-ħidma, isir it-tiġdid meta u kemm ikun meħtieġ.

Għalkemm huwa dmir tas-Segretarjat għall-Katekeżi li jara li jseħħ kull tiġdid li jkun hemm bżonn, għandu jagħmel ukoll valutazzjoni globali ta' kif marru l-affarijiet u jifformula l-proposti għall-ġejjieni. Dan għandu jsir perjodikament, ngħidu aħna kull ħames snin.

Mingħajr telf ta' żmien għandu jinbeda proġett biex isostni lil dawk li jgħallmu r-reliġjon b'materjal u għajnuniet għat-tagħlim. Tkun ħaġa tajba li l-proġett jgħaqqad ir-riżorsi tas-Segretarjat għall-Katekeżi, is-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali u tal-*Media Centre*. Dawn għandhom jiġu megħjuna b'aktar nies imħarrġa. Importanti li jittieħdu deċiżjonijiet f'dan il-qasam għax il-konsegwenzi huma kbar.

## Forum tal-Għaqdiet u Movimenti

40

Fid-dawl ta' paragrafu 29, il-Forum tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi għandu jkun il-post ta' koordinament biex jintlaħqu setturi differenti fi ħdan il-Poplu ta' Alla li jgħammar f'Malta. F'din il-ħidma l-Forum jista' jgawdi mill-frott tax-xogħol taċ-Ċentru tar-Riċerka tad-djoċesi kif imsemmi aktar 'il fuq. Il-Forum jista' jistħarreġ bżonnijiet ta' taħriġ u jersaq bihom lejn enti ta' formazzjoni.

## Formazzjoni fl-omelija

41

Tingħata aktar formazzjoni dwar l-omelija u forom oħra tax-xandir tal-Kelma lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li jridu joffru ruħhom għal din il-ħidma. Din il-formazzjoni trid tilħaq iż-żewġ dimensjonijiet imsemmija f'paragrafu 17. Il-Fakultà tat-Teoloġija u l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali ta' l-Arċidjoċesi jistgħu joffru korsijiet qosra u oħrajn itwal bħala parti minn dan it-taħriġ. Ikun tajjeb li jinġiebu wkoll esperti minn barra biex jaqsmu magħna l-esperjenzi tagħhom.

## Parroċċi għat-tiġdid ta' fidi aktar matura

42

Il-parroċċi għandhom sehem importanti fil-ħidma għat-tiġdid ta' fidi aktar matura. Hawnhekk ukoll qegħdin nissuġġerixxu tibdil.

Jiġi studjat mod kif il-parroċċi jgħaddu aktar xogħol ta' amministrazzjoni[37] lil oħrajn, ukoll jekk impjegati, biex il-kappillani jingħataw għall-animazzjoni tal-fidi (ara Atti 6,1-7).

Il-parroċċi jsiru l-post fejn tinħadem il-katekeżi tal-kbar bix-xhieda tal-komunità, it-talb u l-formazzjoni. Bħalissa dawn aktar mitfugħa fuq il-katekeżi taż-żgħar. Iżda rridu nkunu aktar ċari dwar it-tip ta' katekeżi għall-adulti u l-kwalitajiet tagħha.[38]

Diġà kellna numru ta' kappillani li ddeċidew li jbiddlu t-tberik fi żjajjar lill-familji mifruxin matul is-sena. Dan jista' jgħin biex ikun hemm aktar ħin għad-djalogu u jiġġedded il-kuntatt mal-bażi. Tajjeb li aktar kappillani jieħdu din l-opportunità biex jisimgħu l-merħla afdata lilhom u jħeġġu l-fidi tagħha.

Għandu jidħol aktar l-użu ta' żmien sabbatiku[39] fost il-kappillani, saċerdoti u operaturi pastorali. Kull tant zmien, speċjalment bejn kariga u oħra, għandu jkun hemm żmien ta' studju/riflessjoni. L-Uffiċċju Kleru u l-Fakultà tat-Teoloġija għandhom jagħmlu sforz biex joffru korsijiet li jġeddu l-ħajja ta' dawn il-ħaddiema fl-għalqa tal-Mulej.

37 Eżempju: amministrazzjoni ta' karti u reviżjoni ta' reġistri għandhom jingħataw f'idejn lajċi mħarrġa.

38 Inħarsu lejn eżempji li diġa jeżistu: id-djoċesi ta' Milan għandha programm għaż-żgħażagħ; *Rite of Christian Initiation for Adults* fl-Amerika; Il-"katekiżmu" tal-Franġiskani fl-Amerika.

39 Żmien sabbatiku huwa żmien biex persuna tirrifletti u tiġġedded wara snin ta' ħidma. Normalment dan isir wara kull numru ta' snin ta' ħidma.

Il-kappillani, flimkien mas-Segretarjat għal-Liturġija, is-Segretarjat għall-Katekeżi u s-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali, għandhom jaħdmu biex joħolqu għodod pastorali għat-tħejjija u għaċ-ċelebrazzjoni ta' kull sagrament. Din il-preparazzjoni tindamm f'ħidma biex f'kull fażi tal-ħajja n-nisrani jsib dik il-għajnuna addattata biex tħajru jkompli jikber fil-fidi.

Il-kappillani, flimkien ma' l-Arċisqof, ikomplu l-ħidma tagħhom għat-tiġdid tal-festi titulari. Jista' jkun li fil-proċess ta' tiġdid uħud li għandhom interessi oħra ma jaqblux magħna. Iżda dan m'għandux iwaqqaf il-passi tal-Poplu ta' Alla lejn fidi aktar matura u ħajja.

## Żviluppi fil-qasam tal-*media*

43

Fil-qasam tal-*media* jerġa' jinbena s-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali u jinħatar Delegat li jikkoordina, janima u jistimola l-ħidma f'dan il-qasam. Fl-imgħoddi kien hemm il-ħsieb li jkun hemm distinzjoni bejn l-organu koordinatur (is-Segretarjat) u l-operatur (*Media Centre*). Dan s'issa ftit li xejn seħħ. Is-Segretarjat għandu jħaddan grupp ta' nies li x-xogħol tiegħu jkun li jikkoordina l-ħidma, jara fejn huma l-bżonnijiet ġodda u jipprova jimbotta għal iżjed riżorsi u tibdil skond il-ħtieġa. B'hekk ikollu ħarsa aktar globali. Is-Segretarjat għandu jagħmel pjan għall-użu pastorali tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

Id-Djoċesi għandha tkun aktar ċara dwar il-linja tal-gazzetta tagħha, *Il-Ġensillum*, bħala gazzetta ta' ispirazzjoni kattolika. Għandu jkun hemm għajnuniet għat-tagħlim u riflessjoni fi gruppi (*group media*).[40] Miżjud mal-ħidma tar-Radju, dan ix-xogħol jista' jilħaq setturi ġodda tal-poplu Malti.

40 L-istudji tal-komunikazzjoni u l-imġiba tal-bnedmin juruna li t-tibdil huwa proċess. Bniedem jibda billi jisma' (*awareness*) u jitqanqal lejn xi ħaġa (*decision*). Imbagħad jipprova (*trial*) u jwettaq (*behaviour*). Jekk jara li mar tajjeb isostni t-twettiq (*repeat behaviour*). Nafu li l-*media* tal-massa huma effettivi fl-istadju tas-smigħ. Il-*group media* jwasslu għall-prova u t-twettiq.

Il-Knisja f'Malta ħolqot taqsima ta' produzzjonijiet *video*. Din trid tibni strateġija ta' ħidma fid-dawl ta' dak li qegħdin ngħidu hawn fuq. Taqsima bħal din għandha sservi kemm għall-produzzjoni kif ukoll għall-għajnuna u t-taħriġ għall-operaturi pastorali.

Id-djoċesi għandha tagħraf il-bżonn li tkun preżenti fid-dinja tal-*media*. Għandu jkun hemm nies imħarrġin biex ikunu jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom fil-*media* lokali.

## *Website*

44

F'dinja elettronika, il-Knisja f'Malta ma tistax ma xxandarx il-Kelma f'dan l-anfiteatru ġdid u kbir li jgħaqqad id-dinja flimkien. Għandu jitħaffef ix-xogħol fuq il-*website* għad-djoċesi biex din tkun mezz ta' kuntatt għal dawk li huma fil-Knisja u barra minnha. Din il-*website* tista':

- twassal informazzjoni dwar il-Knisja (uffiċċji, kuntatti, eċċ.) u l-parroċċi tagħna (attivitajiet ta' tagħlim, ħinijiet ta' quddies u duttrina, u oħrajn);
- twassal u tqassam materjal li diġà jeżisti u qiegħed jintuża għall-ġid tal-Poplu ta' Alla; hemm ħafna materjal li kontinwament jinkiteb lokalment, iżda għandha tingħata faċilità biex wieħed isib materjal li jeżisti anke fuq *websites* ta' djoċesijiet u enti oħra;
- twassal għajnuniet għall-ħajja ta' fidi li għandu l-Poplu ta' Alla, bħal passi mill-Kotba Mqaddsa u xi spjega, talb, u tweġibiet għall-mistoqsijiet li jistgħu jintbagħtu bl-*email*, dokumenti u spjega tat-tagħlim soċjali, u ħwejjeġ bħal dawn;
- toffri speċi ta' *customer care* għal dawk li jridu jikkuntattjaw id-djoċesi.[41]

[41] Jeżistu diversi eżempji ta' dan it-tip ta' siti. Ara b'eżempju http://www.diocesi.milano.it, http://www.chiesacattolica.it u http://www.nccbuscc.org.

## Infrastruttura ta' komunikazzjoni

45

Flimkien ma' l-ideja tal-*website*, il-Knisja f'Malta toħloq infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn l-enti kollha tagħha. Id-djoċesi għandu jkollha nies b'esperjenza li jistgħu joħolqu, isostnu din l-infrastruttura u jgħallmu l-użu tagħha. Barra milli tgħin biex tgħaqqad il-Knisja f'Malta, din l-infrastruttura tgħin fix-xandir tal-Kelma.

Flimkien maċ-Ċentru tar-Riċerka *Discern*, is-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali u s-Segretarjat għall-Ħajja u l-Ħidma fil-Parroċċi, il-kappillani għandhom ikomplu l-ħidma tal-kompjuterizzazzjoni tal-parroċċi. Din tgħin biex jintlaħaq dak li għidna qabel,[42] u tgħin lill-kappillani jibnu stampa aktar ċara tal-ħidma afdata lilhom. Il-kappillani jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet mibnija fuq bżonnijiet mistħarrġa.

## Impenn ħaj fis-soċjetà

46

Il-Knisja f'Malta trid tidħol fi djalogu aktar ħaj ma' l-artisti ta' żmienna. Tista' tipprovdi post fejn dawn in-nies jiltaqgħu u toffri stimolu biex tqanqal il-ħidma ta' dawn in-nies. Il-Kummissjoni Arti Sagra għandha teduka lill-kleru u l-lajċi biex japprezzaw forom oħra ta' arti.[43] Il-Mużew tal-Katidral għandu jkollu sezzjoni ta' arti kontemporanja.

Il-Knisja teżamina l-ħidma tal-*NGOs* fi ħdanha. Waqt li ma timponix il-valuri tagħha bħala prezz għas-servizzi li toffri, il-Knisja toffri din l-għajnuna lejn żvilupp tal-bniedem sħiħ. Meta din il-ħidma ssir b'xhieda

[42] Ara paragrafu 42.

[43] Dwar dan, ara d-dokument tas-Sinodu *Liturġija u Sagramenti*, 22.

għal dak li nemmnu, din ukoll tista' tkun l-ewwel pass ta' l-evanġelizzazzjoni.

Il-Knisja f'Malta għandha tieħu azzjoni biex jiġu ppreparati gruppi ta' nies, saċerdoti u lajċi, biex joffru servizz ta' rikonċiljazzjoni, ma' Alla u mal-bnedmin, lil ħutna li għaddejjin minn mumenti diffiċli fl-isptarijiet. Ma' dawn inżidu l-pastorali ta' l-anzjani. Jekk f'pajjiżna persuna minn kull erbgħa ser tkun anzjana fi żmien għoxrin sena, allura dan hu qasam ta' impenn ġdid għall-Knisja f'Malta.

## L-użu tal-ġid għas-servizz tal-Kelma

47

Biex il-Knisja tkun aktar kredibbli mal-komunità li temmen u mas-soċjetà ċivili, trid tagħti aktar każ tar-riżorsi tagħha. Inkunu naħdmu id f'id mal-Providenza meta nużaw tajjeb il-ġid li għandna b'mod li jiggarantixxi l-ħidma ta' llum u tal-ġejjieni fil-bini ta' fidi aktar matura fost il-Maltin. Dan ifisser li fil-Knisja għandu jkun ċar li l-amministrazzjoni tal-ġid qiegħda hemm biex tirfed ix-xandir tal-Kelma u ħidmiet pastorali oħra.

Hemm bżonn li t-tagħrif dwar il-ġid tal-Knisja, kif jidher fil-pubblikazzjoni ta' kull sena ta' l-*Aggregated Accounts*, jasal fil-*grassroots* tal-komunità nisranija f'Malta. Tajjeb li n-nuru lin-nies dwar kif jinġabar, jitqassam u jintuża dan il-ġid. Tajjeb li nuru x'jiswa l-operat tad-djoċesi u kemm qed jiswew il-ħidmiet ta' solidarjetà favur il-bniedem li l-Knisja tħaddan kemm f'Malta kif ukoll barra. L-għotjiet ta' l-insara Maltin jagħmlu sens fid-dawl ta' Knisja komunità.

Fil-kuntest preżenti d-djoċesi tagħraf lilha nnifisha u turi ruħha bħala *a non-profit organisation*.

Il-flus huma għodda importanti biex il-Knisja twettaq il-ħidma tagħha. Il-ġenerożità tal-Maltin mhix nieqsa, iżda dan jgħabbi lill-Knisja b'iżjed responsabbiltà u *accountability* lejn il-komunità. Il-Knisja trid tkun dejjem

aktar għaqlija fl-użu tar-riżorsi li għandha. Dawn ir-riżorsi jinkludu riżorsi umani, ħin tan-nies, propjetà u flus.

Għandu jkun hemm dejjem kumitat b'sehem qawwi ta' lajċi li jara li l-bini u l-propjetà jintużaw bl-aħjar mod skond il-prijoritajiet stabbiliti. Għandu jkun hemm il-manutensjoni meħtieġa. Dan il-kumitat għandu jkollu d-dover li jiproġetta l-bżonnijiet tal-futur.

## Tqassim bil-għaqal

48

Il-Knisja trid tagħmel apprezzament tajjeb tan-nies li jaħdmu fi ħdanha. Dawn jinkludu mhux biss saċerdoti u reliġjużi imma wkoll lajċi li joffru l-ħidma tagħhom. Irid isir tqassim bil-għaqal tan-nies skond it-talenti u l-kapaċitajiet tagħhom. Il-proposti ta' dan id-dokument għandhom iwasslu biex jikber it-tiġdid tar-riżorsi umani. Għandhom jiġu integrati aktar il-lajċi fil-ħidma tal-Knisja.[44]

Fid-djoċesi għandna bżonn ta' għajnuna professjonali biex ħafna operaturi – saċerdoti, reliġjużi u lajċi – jitgħallmu jaħdmu flimkien. Mhux faċli meta ħafna nies tgħallmu jaħdmu għal rashom. Dan it-tagħlim għandu jkun parti essenzjali fil-formazzjoni ta' saċerdoti ġodda u, fejn hu possibbli, parti mit-taħriġ waqt żmien sabbatiku.

Aktar ma tonqos in-nies (*personnel*), aktar irridu nagħmlu ħilitna biex il-ħin ta' kulħadd jintuża bl-aħjar mod. Il-kriterju mhux aktar jekk għandniex x'nagħmlu, imma jekk hux qed nużaw il-ħin tagħna bl-aħjar mod possibbli fl-animazzjoni tal-fidi fost il-Poplu ta' Alla. It-tqassim tal-ħin għandu jħalli post għall-mistrieħ tal-persuni u spazju għall-istudju tal-Kelma.[45] It-tqassim tal-ħin għandu jagħti każ ta' inizjattivi pastorali ġodda.[46]

44 Ara d-dokument tas-Sinodu *Lajċi Nsara*.

45 Il-possibbiltà ta' *burnout* hija kbira. Meta din isseħħ, il-ħidma kollha tal-persuna tbati.

46 B'eżempju: jekk il-pastorali fost il-familji ssir filgħaxija fit-tard, ma nistgħux nistennew li l-istess saċerdoti jqaddsu l-quddies kmieni.



# Kap VIII

# KONKLUŻJONI

## Kristu: il-messaġġ ċentrali

49

Il-Knisja f'Malta m'għandha qatt tinsa l-messaġġ ċentrali tal-*kerygma* tagħha. Il-messaġġ tagħha mhux "l-għerf ta' din id-dinja", imma "l-għerf ta' Alla". Il-messaġġ tagħna bħala Knisja f'Malta hu u jibqa': Kristu, u dan Imsallab... Kristu li kien ta' "skandlu" għal uħud u "bluha" għal oħrajn. Kristu li qam għal ħajja ġdida.

Meta, bħala Knisja jew bħala nsara individwali, inħossuna inkapaċi quddiem l-enormità tal-ħidma evanġelika, ma ninsewx li l-kelma tagħna hi kelma "qawwija", għax mibnija fuq "il-qawwa ta' Alla," u għax hi megħjuna mill-istess Spirtu tiegħu. Tajjeb li l-Knisja, li għandha dan l-obbligu li xxandar l-Evanġelju, tikber fil-konvinzjoni li Alla kapaċi juri l-qawwa tiegħu fl-istess dgħufija tagħna (ara 1 Kor 1-2).

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 15 - 7*